SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan**

**Laqgħa Nru. 67/K9/24**

Data tal-laqgħa: 22 t'April 2024

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Clayton Luke Mula - Viċi Sindku
Sean Gauci – Kunsillier
Victor Vella – Kunsillier
Patricia Camilleri – Kunsilliera
John Agius - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (3)**

Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli (Inc. 4405311/24)
Il-Kunsillier Martin John Sultana (Inc. 4405330/24)
Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul (Inc. 4405331/24)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Malcolm Agius – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Assistant Prinċipal

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**Talba**

Inqrat it-Talba

**67.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

67.1.01 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli talbet li tiġi skużata għal-laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**67.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

67.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 65/K9/24.

67.2.02 Iċ-Ċermen talab li ssir korrezzjoni sabiex jiġi rranġat l-kliem ta' 65.4.03 fejn tiġi speċifikata li l-Kunsillier John Agius kien qiegħed jirreferi fejn hemm il-ħajt tal-Palazz ta' Spinola.

67.2.03 Il-Kunsillier John Agius talab li ssir korrezzjoni ta' 65.3.17 sabiex jiżdied il-kliem Xatt is-Sajjieda taħt il-każin tal-banda. U talab ukoll li 65.3.18 li titneħħa l-kelma preżenti filwaqt li 65.04.07 li jiżdiedu l-kliem il-ħaddiem tal-Kunsill.

67.2.04 Il-Kunsillier Victor Vella ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

67.2.05 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri ssekondatu fl-approvazzjoni.

67.2.05 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 66/K9/24 għall-approvazzjoni.

67.2.06 Il-Kunsillier Victor Vella ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

67.2.07 Iċ-Ċermen issekondah fl-approvazzjoni.

67.2.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

**67.3 Kommunizzjoni miċ-Ċermen**

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

67.3.01 Ġnien Saver Zarb, fejn nforma lill-Kunsill li tkomplew ix-xogħolijiet, kif ukoll inħareġ it-*tender* għal-playing field li hemm ħdejn dan il-ġnien sabiex dan jiġi rranġat. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li bdew ix-xogħolijiet fuq il-bankini ħdejn il-ġnien.

67.3.02 Ix-xogħolijiet ta' resurfacing ġewwa Telgħet Birkirkara bdew.

67.3.03 Ix-xogħol tal-clinic li qiegħed isir ġewwa Mikiel Anġ Borġ miexi.

67.3.04 Il-Kunsill ġie nfurmat li bdiet is-sistema tal-one way fi Sqaq is-Siġra u Triq Patrick Brydone u li din qed tkun bi prova għal tlett xhur.

67.3.05 It-tender tad-dawl ta' Triq Charles Sciberras ġie *awarded* madanakollu kien hemm daqxejn ta' problema fuq l-ammont ta' dawl li twaħħlu. Din ser tkun qed tiġi rranġata.

67.3.06 Għal Jum l-Omm, il-Kunsill ser ikun qiegħed jipprova jorganiżża attivita'.

67.3.07 Ġie rrapurtat is-slipway tal-ħadid ġewwa Xatt is-Sajjieda, sar power wash gewwa Balluta, ser isir power wash ġo Triq Angelo Pullicino, u it-taraġ tal-Knisja ta' San Ġiljan. Dawn ser ikunu qed isiru min-naħa tal-Malta Tourism Authority flimkien mat-Tourism Zone Regeneration Agency. Ser ikunu qed isiru xi siġar mal-promenade kif ukoll id-dwal tal-promenade.

67.3.08 Ser ikun qed issir żebra crossing ġewwa Triq Birkirkara.

67.3.09 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li wara li tkellem mal-Marriott Hotel dwar iż-żebra crossing li saret fi Triq Alfred Gauci kien hemm qbil li din tkun qed titneħħa sa l-aħħar ta' dan ix-xahar.

67.3.10 Intalbet stima dwar l-ismijiet tal-monumenti li hawn fil-lokalita' li ċċaraw, u ser ikunu qed ituna stima tagħhom.

67.3.11 Dwar l-iskema li l-Kunsill kien applika mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex isir upgrading ta' Taraġ Anġelo Pullicino, hemm persuna li ser tkun qed ittina l-istimi sabiex jibdew ix-xogħolijiet.

67.3.12 Il-Melita Football Club li ħadu l-legue ser ikunu qed jibgħatu talba sabiex jagħmlu iċ-ċelebrazzjonijiet għal din ir-rebħa. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li dawn iċ-ċelebrazzjonijiet isiru.

67.3.13 Email mingħand l-ERA dwar Bring in Sites – il-Kunsill ser ikun qiegħed jikteb lura fejn meta kellna dawn il-bring in sites f'areas oħra madwar il-lokalita' kien qed jkun hemm ħafna skart madwarhom. Il-Kunsill ser jibqa miftuħ għas-suġġerimenti tagħhom.

67.3.14 Talba sabiex isir *beach clean up*. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Importanti li jinfurmawna meta ser issir u liema bajja ser tkun qed titnaddaf.

67.3.15 Talba għal-installazjoni għal mobile pizza vending machine. Il-Kunsill iddeċieda li din it-talba mhux ser tkun milqugħa minħabba

li l-Kunsill kellu diversi talbiet simili li kienu diġa ġew irrifjutati għaldaqstant il-Kunsill ma jistax joħloq preċident.

67.3.16 Email mingħand it-Tourism Zone Regeneration Agency dwar Triq Paceville Finishes. Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel ma din il-proposta.

67.3.17 Fir-rigward it-talba sabiex isiru bollards quddiem iz-zen sushi fi Triq San Ġorġ, ġie deċiż li tiġi rranġata l-*crash barrier* li hemm ezistenti.

67.3.18 Dwar it-talba mingħand ħaddiema tal-Kunsill sabiex tingħata id-*diploma allowance*, ġie deċiż li din ser tkun qed tintbaghat lill-HR tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

**67.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

67.4.01 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri talbet li tintbagħat email lill-BCRS sabiex issir magna tal-BCRS fi Triq il-Baltiku ħdejn il-Bring in Sites. Hija talbet li r-rotta tat-transport pubbliku bin-numru 110 u 202 jiġu kull tlettin minuta.

Ġibdet l-attenzjoni wkoll li fi Triq Zammit Clapp għadu ma sarx l-ħajt u għalhekk għandha tintbgħat email lill-Pulizija.

Issugerit li għandha ssir talba ħdejn l-Indipendent ssir tabella li turi ta' Ta' Ġiorni, Sliema u San Ġwann. Filwaqt li infurmat lill-Kunsill li tappiera fi Triq Birkirkara quddiem l-Olympia Flats qed tħabbat.

67.4.02 Il-Kunsillier Sean Gauci talab li tintbagħat ittra lill-Pulizija dwar Sqaq is-Siġra li hemm ħajt ta' dar imwaqqa li qiegħed perikoluż.

67.4.03 Il-Kunsillier Victor Vella spjega li hemm skart quddiem il-propjeta tiegħu fi Triq Mons. Guido Calleja. Huwa ġie nfurmat li dan kien diġa ġie rrapurtat.

**67.5 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

67.5.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 6166 sa 6192 (Ara Appendiċi 'A').

67.9.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**67.6 Skeda tal-Pagamenti**

67.6.01 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ippropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi ‘B‘).

67.6.02 Il-Kunsillier Victor Vella ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

67.6.03 Il-Kunsillier Sean Gauci ssekondatu fl-approvazzjoni.

**67.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

67.7.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa nhar it-Tlieta 21 ta’ Mejju 2024 fil-laqgħa 5.00p.m.

67.7.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00p.m.

| | |
|---|---|
| **Guido Dalli** | **Malcolm Agius** |
| **Ċermen** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |

**Data: 21 ta’ Mejju 2024**